DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-5 ta' Ġunju 2008

dwar id-deklassifikazzjoni ta' l-Anness 4 tal-Manwal SIRENE adottat mill-Kumitat Eżekuttiv stabbilit mill-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 ("Konvenzjoni ta' Schengen ta' l-1990")

(2008/422/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207, il-paragrafu (3) tiegħu,

Billi,

(1) Permezz tad-Deċiżjoni 2003/19/KE ta' l-14 ta' Ottubru 2002 dwar id-deklassifika ta' ċerti partijiet mill-Manwal SIRENE adottat mill-Kumitat Eżekuttiv stabbilit mill-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 [1], il-Kunsill iddeklassifika ċerti partijiet tal-Manwal SIRENE u ddegrada t-Taqsima 2.3 tal-Manwal SIRENE kif ukoll l-Annessi 1, 2, 3, 4, 5 u 6 tiegħu għal-livell ta' klassikfikazzjoni "Restreint UE".

(2) L-aħħar verżjoni tal-Manwal SIRENE, hekk kif jinsab fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2006/757/KE [2] u 2006/758/KE tat-22 ta' Settembru 2006 dwar l-emenda tal-Manwal SIRENE [3], ma fihiex dispożizzjoni ekwivalenti għat-Taqsima 2.3 hekk kif kienet meta saret l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2003/19/KE.

(3) Permezz tad-Deċiżjoni 2007/473/KE tal-25 ta' Ġunju 2007 dwar id-deklassifika ta' ċerti partijiet mill-Manwal SIRENE adottat mill-Kumitat Eżekuttiv stabbilit mill-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 [4], il-Kunsill iddeklassifika l-Annessi 2 u 5 tal-Manwal SIRENE.

(4) Il-Kunsill huwa tal-parir li jigi ddeklassifikatat l-Anness 4 tal-Manwal SIRENE.

(5) Il-klassifikazzjoni ta' l-Annessi 1, 3 u 6 tal-Manwal SIRENE għandha tibqa' "Restreint UE",

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness 4 tal-Manwal SIRENE huwa b'dan deklassifikat.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, 5 ta' Ġunju 2008.

Għall-Kunsill
Il-President
D. MATE

[1] ĠU L 8, 14.1.2003, p. 34.
[2] ĠU L 317, 16.11.2006, p. 1.
[3] ĠU L 317, 16.11.2006, p. 41.
[4] ĠU L 179, 7.7.2007, p. 52.